# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 11 ta' Ottubru 2024**

**Nru: 6**

**Rikors Nru. 25/2023/2**

## Benjamin Zammit

## vs

## Direttorat għall-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol

**Fil-qosor**

1. F'din il-kawża, ir-rikorrent qiegħed jikkontesta d-deċiżjoni tad-Direttorat għall-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol (id-'Direttorat' jew id-'Direttorat intimat'), li fiha ċaħad it-talba tar-rikorrent biex jerġa' joħroġ ċekk għal stock li mmatura fis-26 ta' Novembru 2016, li ma kienx issarraf mir-rikorrent. Id-Direttorat jallega li r-responsabbiltà tiegħu fir-rigward ta' dan l-istock skadiet mal-għeluq ta' sitt snin, cioè mas-26 ta' Novembru 2022, mentri r-rikorrent jgħid li t-tali terminu ġie sospiż waqt il-pandemija u għalhekk ir-rikorrent għadu fiż-żmien li jagħmel it-tali talba.

2. Il-Qorti sejra teżamina s-sottomissjonijiet tat-tnejn, u dan sabiex tiddetermina jekk l-egħmil amministrattiv tad-Direttorat intimat għandux jiġi ddikjarat null, invalidu u mingħajr effett hekk kif provdut fl-artikolu 469A tal-Kap. 12.

**Azzjoni ta' Benjamin Zammit**

3. Fit-23 ta' Frar 2023, Benjamin Zammit ippreżenta rikors quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, fejn qal:-[1]

i. Illi permezz ta' deċiżjoni permezz ta' email datata 16 ta' Frar, 2023, li magħha kien hemm mehmuża ittra datata 8 ta' Frar, 2023 (Dok. A) mibgħuta mid-Direttorat Għall-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku fi ħdan il-Ministeru Għall-Finanzi u x Xogħol, l-esponenti ġie infurmat illi:-

ii. ''... l-każ odjern huwa preskritt, stante li l-ewwel stock u ċioe' 4.80%MGS 2016 (II) immatura f'Novembru 2016 u għaldaqstant ma saret ebda claim fuqu tul is-sitt snin minn mindu ġie immaturat dan l-investiment. ... l-argument li ressaqt b'rabta mas sospensjoni ta' Ħinijiet Ġudizzjarji u Legali ma jreġix; stante li fl-eqqel tal Pandemija, is-Superintendent tas-Saħħa Pubblika m'ordnat ebda għeluq ta' banek jew tat-Teżor ta' Malta.''

iii. ''... riċentament, it-Teżor ta' Malta rċieva claim mingħandek b'rabta mas suċċessjoni tad-defunta Vincenza Zammit. Dan ifisser li sa ma qabel saret din il claim, ġaladarba t-Teżor ta' Malta kif ukoll il-Borża ta' Malta ma kienux infurmati bil-mewt tagħha, peress illi hija kellha kont konġunt ma' żewġha Benjamin Zammit dan tal-aħħar xorta waħda baqa' jirċievi l-interessi li jappartjeni lilha.''

iv. Fis-26 ta' Novembru 2016, jiġifieri circa xahrejn biss wara li ġiet nieqsa Vincenza Zammit, mart l-esponenti u li tagħha huwa eredi universali, kien inħareġ bankdraft bin-numru DI/142466 mill-Bank Ċentrali ta' Malta fl-ammont ta' €5125 bħala Capital Redemption Warrant. (Kopja hawn mehmuża u markata bħala Dok. B).

v. Ir-risposta min-naħa tad-Direttorat komunikata permezz ta' e-mail datata 16 ta' Frar 2023 li magħha kien hemm mehmuża ittra datata 8 ta' Frar, 2023, kienet waħda ta' rifjut sabiex jinħareġ mill-ġdid ta' dan il-bankdruft bin-numru DI/142466 fl-ammont ta' €5125 stante illi skond id-Direttorat dan il-każ huwa preskritt. Il preskrizzjoni ċitata mid-Direttorat hija dik ta' sitt snin.

vi. Illi l-esponenti ħass ruħu aggravat b'din id-deċiżjoni u għalhekk bil-preżenti qed jappella minn din l-istess deċiżjoni komunikata lilu permezz ta' email datata 16 ta' Frar 2023 li magħha kien hemm mehmuża ittra datata 8 ta' Frar, 2023, kif fuq indikat.

vii. Illi l-aggravji huma ċari u manifesti f'dan li ġej.

viii. Illi r-rikorrenti huwa tal-fehma illi l-imsemmi perjodu ta' sitt snin ma għadhiex u dana kif ser jiġi spjegat hawn taħt.

ix. F'dan il-kuntest issir riferenza għall-Avviż Legali 61 tas-sena 2020, Avviż Legali 65 tas-sena 2020, Avviż Legali 82 tas-sena 2021 u Avviż Legali 230 tas-sena 2020.

x. L-Artikolu 3 tal-Avviż Legali 61 tal-2020 (Ordni tal-2020 dwar l-Epidemiji u Mard Infettiv (Sospensjoni ta' Ħinijiet Ġudizzjarji u Legali) jipprovdi testwalment is segwenti:-

xi. 3.1) Meta s-Superintedent tordna l-għeluq tal-qrati kollha jew ta' kwalunkwe qorti għall-fini ta' ħarsien kontra u, jew ta' kontroll ta' epidemiji perikolużi jew mard infettiv, tali ordni għandha tissosspendi ż-żmien ta' kwalunkwe ħinijiet legali u ġudizzjarju u ta' kwalunkwe limitu ta' żmien ieħor inkluż żminijiet perentorji applikabbli għall-proċedimenti jew proċeduri oħra quddiem l-imsemmija qrati...''

xii. Issa skond l-Artikolu 2126 tal-Kodiċi Ċivili:-

xiii. ''Il-preskrizzjoni mibdija u sospiża, tissokkta timxi minnufih li tispiċċa r-raġuni tas sospensjoni tagħha.''

xiv. Minn dan kollu għalhekk jirriżulta illi kwalunkwe preskrizzjoni ġiet sospiża fis-16 ta'Marzu, 2020 u kwindi ssoktat timxi fit-12 ta' Ġunju 2020 (ossija sebat ijiem wara l-5 ta' Ġunju 2020). Dan ifisser li kull terminu, inkluża l-preskrizzjoni odjerna ġiet sospiża għal total ta' 89 jum.

[1] Ara r-rikors ta' Benjamin Zammit tat-23 ta' Frar 2023 fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiv, li reġa' tressaq bħala rikors ġuramentat fl-atti ta' din il-Qorti, f'paġni 50-54.

xv. Konsegwentement, applikat dan kollu għal każ odjern ikun ifisser illi l-perjodu ta' sitt snin dwar id-drat fuq imsemmi datat 26 ta' Novembru 2016 ma skadiex fis-26 ta' Novembru, 2022 imma ser jiskadi fit-23 ta' Frar 2023.

xvi. Is-sospensjoni tal-preskrizzjoni kienet immirata lejn it-termini legali kollha inkluż ukoll it-terminu ta' preskrizzjoni ta' sitt snin ċitat mid-Direttorat. Illi l-fatt illi l- banek jew it-Teżor ta' Malta ma kienux magħluqa mis-Superintendent tas-Saħħa bl ebda mod ma jaffettwa s-sospensjoni tal-preskrizzjoni kif fuq spjegat.

xvii. Mingħajr preġudizzju għall-permess u fuq kollox, il-każ odjern ma jikkonċernax claim li ġiet intavolata tard, tant hu hekk illi ċ-cheque inħareġ – it-talba hija biss il ħruġ mill-ġdid tal-istess cheque li kien ġia' inħareġ.

xviii. Illi għalhekk hemm lok illi d-deċiżjoni komunikata permezz email datata 16 ta' Frar 2023 li magħha kien hemm mehmuża ittra datata 8 ta' Frar 2023 mibgħuta mid Direttorat Għall-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku li ħdan il-Ministeru Għall Finanzi u x-Xogħol tiġi kanċellata u konsegwentement l-applikazzjoni għall-ħruġ mill-ġdid tal-bankdruft fuq imsemmi tiġi milqugħa.

xix. Għaldaqstant, l-esponenti, in vista tas-suespost filwaqt illi jirriserva d-dritt li jressaq provi u argumenti ulterjuri sabiex jissostanzja l-aggravji tiegħu, umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jilqa' dan l-appell u tirrevoka tannulla u tħassar id-deċiżjoni komunikata permezz ta' email datata 16 ta' Frar 2023 li magħha kien hemm mehmuża ittra datata 8 ta' Frar 2023 u konsegwentement tilqa' l-applikazzjoni għall-ħruġ mill-ġdid tal-bankdruft bin-numru DI/142466 mill-Bank Ċentrali ta' Malta fl-ammont ta' €5125 bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat.

4. Fl-20 ta' Marzu 2023, id-Direttorat għall-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol wieġeb:-[2]

i. Illi l-attur kellu kont konġunt ma' martu u ċioé d-defunta Vincenza Zammit bin-numru MSE220493 fejn b'kollox kellhom total ta' erba' stocks tal-Gvern u ċioé:

- 4.80% MGS 2016 (II)- €5,125 li mmatura nhar is-26 ta' Novembru tas-sena 2016 fejn inħareġ ċekk datat nhar is-26 ta' Novembru 2016 bin-numru 142466;
- 4.60% MGS 2020 (II)- €4,000 li mmatura nhar il-25 ta' Novembru tas-sena 2020 fejn inħareġ ċekk datat il-25 ta' Novembru 2020 bin-numru DI163872;
- 5.0% MGS 2021 (I)- €26,794.00 li mmatura nhar it-8 ta' Awwissu tas-sena 2021 fejn inħareġ ċekk datat it-8 ta' Awwissu tas-sena 2021 bin-numru DI 166713;
- 5.10% MGS 2022 (1)- €7,687.00 li mmatura nhar is-16 ta' Awwissu 2022 u nħareġ ċekk datat 16 ta' Awwissu 2022 bin-numru DI171998;

ii. Illi d-Direttorat tal-Amminsitrazzjoni tad-Dejn Pubbliku ma ġiex infurmat bil-mewt tad-defunta Vincenza Zammit, tant hu hekk li l-kont konġunt li kellha ma' żewġha ma ġiex ibblukkat u għaldaqstant, komplew jitħalsu l-interessi fil-kont tal-bank indikat mill-attur;

iii. Illi meta kienu jsiru l-pagamenti fil-kont tal-bank rispettiv, id-Direttorat għall-Amminsitrazzjoni tad-Dejn Pubbliku qatt ma rċieva returns mingħand il-Bank Ċentrali ta' Malta;

iv. Illi l-kelma return tfisser li l-Bank Ċentrali ta' Malta jkun għarraf lit-Teżor partikolarment lid-Direttorat tal-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku li l-flus iddepożitati ġew irritornati lura mill-bank għal diversi raġunijiet fosthom li l-kont ikun magħluq jew iffriżat b'din tal-aħħar minħabba raġunijiet ta' mewt jew mandat ta' sekwestru li jkun għadu attiv.

v. Illi dan il-kont konġunt għadu mmarkat bħala 'attiv' stante li sa ma mmatura l-aħħar stock u ċioé 5.10% MGS 2022 (1)- €7,687.00 propju nhar is-16 ta' Awwissu 2022, id-Direttorat kien

[2] [2] Ara r-risposta tad-Direttorat għall-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol tal-20 ta' Marzu 2023, fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiv, li reġgħet tressqet bħala risposta ġuramentata fl-atti ta' din il-Qorti, f'paġni 59-61.

għadu ma ġiex infurmat bil-mewt tad-defunta Vincenza Zammit (Dokument qed anness u mmarkat bħala 'DOK.A') u li preżentement m'għad baqa' ebda stock attiv;

vi. Illi li kieku d-Direttorat tal-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku kien avżat bil-mewt ta' persuna li jkollu l-istocks, dan il-kont jindika li l-individwu miet (Dokument bħala eżempju qed jiġi anness u mmarkat bħala 'DOK.B');

vii. Illi li kieku r-rikorrent kellu jinvesti xi flejjes oħra, stante li d-defunta Vincenza Zammit m'għadhiex ħajja, l-investiment kien isir f'kont b'numru differenti minn dak li l-attur kellu konġuntivament ma' martu;

viii. Illi nhar l-24 ta' Jannar 2023, r-rappreżentant legali tal-attur kiteb lid-Direttorat tal-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku fejn għamel talba b'rabta ma' tlett bank-drafts fejn huwa talab sabiex dawn jerġgħu jinħarġu fuq isem ir-rikorrenti stante li huwa l-eredi ta' Vincenza Zammit (Dokument qed anness u mmarkat bħala 'DOK.Ċ);

ix. Illi sussegwentement wara li d-Direttorat irċieva din l-ittra, intbgħatet ittra datata nhar il-25 ta' Jannar 2023 fejn ġie infurmat li t-talba tiegħu ġiet milqugħa u li ser jinħareġ bank draft wieħed li b'kollox ammonta għal €38,481 (Dokument qed anness u mmarkat bħala 'DOK.D');

x. Illi sussegwentement wara li nħarġu dawn iċ-ċekkijiet, l-attur bagħat petizzjoni lill-Ministeru għall-Finanzi fejn qed jilmenta li ċ-ċekk li jirrigwarda l-istock 4.80% MGS 2016 (II)- €5,125 u li mmatura nhar is-26 ta' Novembru tas-sena 2016 ma setax jinħareġ ieħor floku bħal ma ġara fil-pagamenti l-oħra;

xi. Illi Artikolu 39 (a) tal-Kap. 161 tal-Liġijiet ta' Malta (SELF LOKALI (STOCK U TITOLI REĠISTRATI)) jistipola:

xii. "Ħlief kif provdut xort'oħra f'din l-Ordinanza r-responsabbiltà tal-Gvern għandha:

xiii. (a) dwar kull stock jew titolu reġistrat mifdi fid-data jew wara d-data li fiha l-ħlas tal-kapitali ikun dovut, tispiċċa wara li jgħaddu sitt snin minn dik id-data;

xiv. Illi mid-data minn meta mmatura l-istock sa ma saret it-talba, kienu għaddew is-sitt snin u għalhekk il-każ huwa preskritt ai termini tal-Artikolu 39(a) tal-Kap 161 tal-Liġijiet ta' Malta;

xv. Illi huwa ċar li dan huwa perjodu ta' dekadenza u ma jistgħax jiġi interrott. Ir-responsabbilta' tal-Gvern tispiċċa kif igħaddu s-sitt snin;

xvi. Illi minn meta mmatura l-istock sas-26 ta' Novembru 2022, l-attur kellu l-opportunità kollha biex jirregola ruħu kif saħansitra għamel fil-bank drafts konnessi mal-istocks l-oħra fejn malli saret it-talba għall-ħruġ mill-ġdid ta' ċekk esklussivament fuq isem l-attur, id-Direttorat tal-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku mal-ewwel ipproċeda u ħallas stante li kienu għadhom m'għaddewx is-sitt snin minn meta tkun spiċċat ir-responsabilità tal-Gvern fuq l-imsemmija stocks li mmaturaw lura fl-2020, fl-2021 u fl-2022 rispettivament;

xvii. Illi minkejja li l-attur għamel referenza għas-sospenzjoni tal-Ħinijiet Legali stante l-pandemija COVID-19, din is-sospenzjoni ma kinitx tapplika għat-Teżor ta' Malta, u wisq anqas għall-Bank Ċentrali ta' Malta, l-Borża ta' Malta kif ukoll il-Banek Lokali;

xviii. Illi l-Avviż Legali 61 tal-2020 japplika biss "għall-proċedimenti jew proċeduri oħra quddiem l-imsemmija qrati" - regolament 3(1). Hawnhekk si tratta ta' tisrif ta' ċekk tal-Bank Ċentrali ta' Malta u l-banek baqgħu miftuħin waqt il-pandemija, bil-konsegwenza li ċekkijiet setgħu jissarrfu liberament minn min kellu dritt jagħmel dan skont il-liġi;

xix. Illi barra minn hekk tali preskrizzjoni ma ġietx sussegwentement interrotta b'att ġudizzjarju kif trid il-liġi fl-artikolu 2128 et seq. tal-Kodiċi Ċivili, u dan mingħajr preġudizzju għal-fatt li l-perjodu stabbilit fl-artikolu 39(a) tal-Kap. 161 huwa wieħed ta' dekadenza kif sottomess f'paragrafu 13 ta' din ir-risposta;

xx. Illi bħal ma l-attur għamel kuntatt mad-Direttorat tramite ittra, huwa kellu l-opportuntà kollha li jagħmel l-istess qabel ma għaddew is-sitt snin minn meta mmatura l-istock 4.80% MGS 2016 (II)- €5,125, li mmatura nhar is-26 ta' Novembru tas-sena 2016. Iżda din it-talba ma saritx fi żmien fejn ir-rikorrent kellu l-opportuinità kollha li jagħmel dan;

xxi. Għaldaqstant, l-esponenti umilment tissottometti illi t-talbiet kollha tal-attur jiġu miċħuda in toto stante għar-raġunijiet indikati f'din ir-risposta.

xxii. U dan taħt dawk il-provvedimenti kollha li dan it-Tribunal jidhirlu li huma xierqa u opportuni.

5. Fis-sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva tas-17 ta' Lulju 2023, it-Tribunal iddikjara lilu nnifsu mhux kompetenti biex jieħu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrent, u dan għaliex huwa ma ngħatax id-dritt li jissindika d-deċiżjonijiet tad-Direttorat intimat taħt il-Kap. 161, cioè l-Ordinanza dwar Self Lokali (Stock u Titoli Reġistrati) – liema Ordinanza qiegħda tiġi mqajjma fil-proċeduri preżenti. Peress li skont l-art. 5(2) tal-Kap. 490, cioè l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, l-istess Tribunal ma ngħatax il-kompetenza ġenerali li jirrevedi atti amministrattivi li jistgħu jiġu riveduti skont l-artikolu 469A tal-Kap. 12, it-Tribunal ordna li l-atti tal-kawża preżenti jiġu trasferiti lil din il-Qorti, li għandha l-ġurisdizzjoni ġenerali sabiex tissindika l-għemil amministrattiv ta' awtorità pubblika.[3]

6. Fl-1 ta' Awwissu 2024, din il-Qorti tat digriet skont l-artikolu 741(d) tal-Kap. 12, b'ordnijiet kemm lir-rikorrent kif ukoll lid-Direttur intimat, sabiex jiġi assigurat li s-smiegħ tal-kawża jitkompla skont il-ħtiġijiet formali u proċesswali, inkluż dwar ħlas ta' spejjeż, li japplikaw quddiemha.[4]

## Fatti

7. Ir-rikorrent Benjamin Zammit kellu kont konġunt ma' martu Vincenza Zammit, b'numru MSE220493, fejn b'kollox kellhom erba' stocks tal-Gvern. Dawn kienu:-

a. 4.80% MGS 2016(II) – dan immatura fis-26 ta' Novembru 2016, u għalhekk inħareġ ċekk fis-26 ta' Novembru 2016, għall-ammont ta' €5,125, bin-numru 142466, lir-rikorrent u lil martu (l-'ewwel stock');

b. 4.60% MGS 2020(II) – dan immatura fil-25 ta' Novembru 2020, u għalhekk inħareġ ċekk fil-25 ta' Novembru 2020, għall-ammont ta' €4,000, bin-numru DI163872, lir-rikorrent u lil martu (it-'tieni stock');

c. 5.0% MGS 2021(I) – dan immatura fit-8 ta' Awwissu 2021, u għalhekk inħareġ ċekk fit-8 ta' Awwissu 2021, għall-ammont ta' €26,794.00, bin-numru DI166713, lir-rikorrent u lil martu (it-'tielet stock'); u

---

[3] 25/2023, *Benjamin Zammit vs Direttorat Direttorat għall-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol,* Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, deċiża 17 ta' Lulju 2023.
[4] Ara d-digriet kamerali ta' din il-Qorti, mogħti skont l-artikolu 741(d) tal-Kap. 12, f'paġni 47-49.

d. 5.10% MGS 2022(I) – dan immatura fis-16 ta' Awwissu 2022, u għalhekk inħareġ ċekk fis-16 ta' Awwissu 2022, għall-ammont ta' €7,687.00, bin-numru DI171998, lir-rikorrent u lil martu (ir-'raba' stock).

8. Mart ir-rikorrent, Vincenza Zammit, ġiet nieqsa fil-11 ta' Settembru 2016. Il-Borża ta' Malta ma ġietx avżata bil-mewt tagħha, u dana sakemm ma kkorisponda mad-Direttorat ir-rikorrent fis-17 ta' Jannar 2023.[5]

9. Permezz tal-korrispondenza elettronika datata s-17 ta' Jannar 2023, segwita b'ittra legali fl-24 ta' Jannar 2023, ir-rikorrent informa lid-Direttorat intimat bil-mewt ta' Vincenza Zammit, u li skont ir-riċerki rispettivi, ir-rikorrent Benjamin Zammit ġie maħtur bħala l-eredi tal-imsemmija Vincenza Zammit fl-aħħar testment tagħha.[6] Fid-dawl ta' dan, huwa talab lid-Direttorat biex jerġa' joħroġ l-erba' ċekkijiet li nħarġu għall-ewwel, għat-tieni, għat-tielet u għar-raba' stocks – liema ċekkijiet kienu għadhom ma ġewx imsarrfa.

10. Fil-25 ta' Jannar 2023, id-Direttorat bagħat ittra lir-rikorrent, fejn informah li kien ser jinħareġ bank draft għall-ammont ta' €38,481.[7] Dan il-bank draft kellu jkopri l-pagamenti dovuti għat-tieni, għat-tielet u għar-raba' stocks, imma mhux għall-ewwel stock, li kien immatura fis-26 ta' Novembru 2016, cioè għall-pagament ta' €5,125.[8] Wara li r-rikorrent bagħat petizzjoni quddiem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, id-Direttorat wieġeb, fit-8 ta' Frar 2023,[9] li r-responsabbiltà tal-Gvern fir-rigward tal-ewwel stock kienet diġà skadiet skont l-artikolu 39(a) tal-Kap. 161; dana ġaladarba kienu diġà għaddew sitt snin minn meta mmatura l-ewwel stock. B'hekk, id-Direttorat jgħid li r-responsabbiltà tal-Gvern spiċċat mas-26 ta' Novembru 2022, u peress li sa din id-data, ir-rikorrent kien għadu ma talabx li jerġa' jinħareġ iċ-ċekk tal-ewwel stock, it-talba tiegħu kienet tardiva u kellha tiġi miċħuda.

[5] Infatti l-kont konġunt tar-rikorrent u tal-imsemmija Vincenza Zammit ma ġiex blokkjat, u komplew jitħallsu l-interessi fil-kont tal-bank indikat mir-rikorrenti.
[6] Ara kopja tal-ittra tar-rikorrent lid-Direttorat intimat fl-24 ta' Jannar 2023, f'paġna 64.
[7] Ara kopja tal-ittra tad-Direttorat intimat lir-rikorrent fil-25 ta' Jannar 2023, f'paġna 65.
[8] Ara kopja taċ-ċekk tal-ewwel stock datat is-26 ta' Novembru 2016, għall-ammont ta' €5,125, f'paġna 57.
[9] Ara l-ittra tad-Direttorat intimat lir-rikorrent tat-8 ta' Frar 2023, f'paġna 56, ikkomunikata lir-rikorrent permezz tal-email datat is-16 ta' Frar 2023, f'paġna 55.

**Analiżi legali**

11. Din il-kawża hija bbażata fuq l-artikolu artikolu 469A tal-Kap. 12. Dan jipprovdi li l-ġurisdizzjoni lill-qrati ta' kompetenza ċivili biex jistħarrġu l-validità ta' xi egħmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-egħmil null, invalidu jew mingħajr effett, f'każ li l-egħmil amministrattiv ikun *ultra vires*, għaliex, fost oħrajn, l-"egħmil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi."

12. F'dan il-każ ir-rikorrent qiegħed preżummibilment jgħid li d-deċiżjoni tad-Direttorat li ma jerġax joħroġ iċ-ċekk għall-ewwel stock, bl-insistenza li r-responsabbiltà legali tiegħu spiċċat fis-26 ta' Novembru 2022, tmur kontra l-liġi għaliex ir-responsabbiltà tal-Gvern kienet għadha ma spiċċatx meta għamel it-talba ir-rikorrent. Huwa ma jikkontestax li, skont l-artikolu 39(a) tal-Kap. 161, ir-responsabbiltà tal-Gvern tiskadi fi żmien sitt snin minn meta l-ħlas għall-istocks ikun dovut. Madanakollu, huwa jgħid li t-terminu applikabbli ġie sospiż fis-16 ta' Marzu 2020, u ssokta jimxi fit-12 ta' Ġunju 2020. Dana b'riferenza għall-Avviżi Legali 61 tal-2020, 65 tal-2020, u 230 tal-2020.

13. L-artikolu 3(1) tal-Ordni tal-2020 dwar l-Epidemiji u Mard Infettiv (Sospensjoni ta' Ħinijiet Ġudizzjarji u Legali) (A.L. 61 tal-2020), jipprovdi dan li ġej:-

> 3.(1) Meta s-Supritendent tordna l-għeluq tal-qrati kollha jew ta' kwalunkwe qorti għall-fini ta' ħarsien kontra u, jew ta' kontroll ta' epidemiji perikolużi jew mard infettiv, tali ordni għandha tissospendi ż-żmien ta' kwalunkwe ħinijiet legali u ġudizzjarju u ta'kwalunkwe limitu ta' żmien ieħor inkluż żminijiet perentorji applikabbli għall-proċedimenti jew proċeduri oħra quddiem l-imsemmija qrati. Is-sospensjoni għandha ddum sa sebat (7) ijiem wara t-tneħħija tar-revoka ta' kwalunkwe ordni mis-Supritendent. Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' hawn fuq, din is-sospensjoni għandha tfisser li jekk l-aħħar jum ta' kwalunkwe ħin legali jew ġudizzjarju jew limitu ta' żmien ieħor jiskadi matul iż-żmien meta ordni provduta f'dan ir-regolament tkun fis-seħħ, iż-żmien għall-preżentata għandu jiġi sospiż sa sebat (7) ijiem wara l-jum meta s-Supritendent tirrevoka l-ordni għall-għeluq ta' kwalunkwe qorti permezz ta' avviż fil-Gazzetta.

14. It-terminu "qorti" hekk kif ġie użat fl-istess Avviż Legali, ġie mfisser hekk:-

> kwalunkwe qorti u tinkludi l-qrati superjuri u l-qrati inferjuri inkluż il-qrati tal-appell irrispettivament mill-kompetenza u l-ġuriżdizzjoni tagħhom, u tinkludi ukoll kwalunkwe tribunal stabbilit bil-liġi, u kwalunkwe bordijiet, kummissjonijiet, kumitati jew entitajiet oħra li quddiemhom jinstemgħu proċeduri jew isiru proċeduri li huma soġġetti għal limitu ta' żmien legali jew amministrattiv għal preżentata ta' xi talba, difiża jew atti oħra.

15. Permezz tat-tielet artikolu tal-Ordni tal-2020 dwar l-Għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja (A.L. 65 tal-2020), is-Supritendent ordna l-għeluq tal-qrati (hekk kif ġew hawn fuq imfissra) u tar-reġistru, b'effett mis-16 ta' Marzu 2020. Sussegwentement, fil-5 ta' Ġunju 2020, ġiet imħassra l-Ordni tal-2020 dwar l-Għeluq tal-Qrati ta' Ġustizzja, permezz tat-tieni artikolu tal-A.L. 230 tal-2020. Is-sospensjoni applikabbli "għall-preżentazzjoni ta' atti quddiem qorti jew tribunal, bord, kummissjoni, kumitat jew entità oħra li topera mill-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja" kellha tibqa' fis-seħħ sa sebat (7) ijiem mill-5 ta' Ġunju 2020, filwaqt li dik applikabbli "għall-preżentazzjoni ta' atti quddiem qorti wara l-konklużjoni ta' kwalunkwe proċeduri quddiem kwalunkwe tribunal, bord, kummissjoni, kumitat jew entità oħra li ma joperax mill-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja" kellha tibqa' fis-seħħ għal għoxrin (20) jum mill-5 ta' Ġunju 2020.[10]

16. Id-Direttorat iwieġeb li l-Avviżi Legali 61 tal-2020, 65 tal-2020 u 230 tal-2020 ma japplikawx għall-funzjonijiet tal-Borża ta' Malta, iżda għandhom x'jaqsmu ma "proċedimenti jew proċeduri oħra quddiem l-imsemmija qrati." B'hekk it-tali Avviżi Legali ma japplikawx għall-artikolu 39(a) tal-Kap. 161, li jistabbilixxi r-responsabbiltà tal-Gvern fir-rigward ta' stocks u titoli reġistrati. Lanqas ma japplika għat-Teżor ta' Malta, għall-Bank Ċentrali ta' Malta, u għall-banek Maltin.

17. L-argument tad-Direttorat ma jistax ireġi. It-terminu indikat fl-artikolu 39(a) tal-Kap. 161 jistabbilixxi terminu għal min għandu *stock* jew titolu reġistrat biex iressaq kawża kontra l-Gvern fir-rigward ta' dak l-i*stock* jew titolu reġistrat, filwaqt li jeħles lill-Gvern mir-riskju ta' proċeduri ġudizzjarji fil-konfront tiegħu, f'każ li l-proċeduri ma jkunux bdew fi żmien sitt snin mid-data li fiha l-ħlas tal-kapital kien dovut. B'hekk, it-terminu ta' sitt snin indikat fl-artikolu 39(a) tal-Kap. 161, huwa wkoll terminu legali u għalhekk jaqa' fil-parametri tal-Avviżi Legali hawn fuq msemmija. Infatti huwa d-Direttorat stess li jgħid li t-terminu fl-artikolu 39(a) tal-Kap. 161 huwa wieħed ta' dekadenza, cioè terminu li fih għandhom jiġu ppreżentati l-atti ta' kawża.

[10] Artiklu 3 u 4, Avviż Legali 230 tal-2020 – Ordni tal-2020 li jħassar l-Ordni dwar l-Għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja.

18. Id-Direttorat jeċepixxi li ġaladarba t-terminu fl-artikolu 39(a) tal-Kap. 161 huwa wieħed ta' dekadenza (u mhux ta' preskrizzjoni), huwa m'huwiex soġġett għar-regoli ta' sospensjoni jew ta' interruzzjoni. Dan kif ġie spjegat mill-Qorti tal-Appell:-[11]

> quando la legge stabilisce un termine entro cui un atto si deve compiere, quel termine, anziché di prescrizione, è termine di decadenza, nel senso che, decorso quel termine, quell'atto non sarebbe più ammissibile. La dottrina pone il criterio distintivo in ciò che, se la disposizione che assegna un termine per l'esperimento d'un diritto non dica espressamente che si tratta di prescrizione, o non abbia i caratteri di questa, si tratterà di una decadenza.[12]

19. F'dan il-każ, it-terminu fl-artikolu 39(a) tal-Kap. 161 m'huwiex imfisser bħala terminu ta' preskrizzjoni. Kif diġà ssemma, huwa joħloq terminu għal min għandu pretensjoni biex jieħu passi ġudizzjarji kontra l-Gvern fir-rigward ta' *stocks* jew titoli reġistrati. Għalhekk, kif jgħid id-Direttorat intimat, l-artikolu 39(a) tal-Kap. 161, jistabbilixxi terminu ta' dekadenza.

20. Madanakollu, dan ma jfissirx li l-artikolu 39(a) tal-Kap. 161, m'huwiex milqut mill-Avviżi Legali 61 tal-2020, 65 tal-2020, u 230 tal-2020. Infatti jidher li dawn l-Avviżi Legali jistabbilixxu eċċezzjoni għar-regola ġenerali li t-termini ta' dekadenza ma jistgħux jiġu sospiżi. Infatti, fl-artikolu 3 tal-Avviż Legali 61 tal-2020 jissemmew kemm "żminijiet perentorji" kif ukoll limiti ta' żmien "applikabbli għal proċedimenti jew proċeduri oħra quddiem l-imsemmija qrati" (preżumibbilment termini ta' preskrizzjoni). Infatti, ġie affermat anke mill-Qorti tal-Appell li l-Avviż Legali 61 tal-2020 jikkontempla kull tip ta' terminu legali jew ġudizzjarju.[13]

21. B'hekk, għalkemm it-terminu fl-artikolu 39(a) tal-Kap. 161 hu wieħed ta' dekadenza, huwa ġie sospiż, fuq bażi eċċezzjonali, permezz tal-A.L. 65 tal-2020. Issa, kif diġà ntqal, is-sospensjoni daħlet in effett fis-16 ta' Marzu 2020 skont l-Avviż Legali 65 tal-2020 u kellha tibqa' fis-seħħ sa sebat (7) ijiem mill-5 ta' Ġunju 2020, skont l-Avviż Legali 230 tal-2020. B'hekk is-sospensjoni kienet effettiva mis-16 ta' Marzu 2020 sat-12 ta' Ġunju 2020;

---

[11] *Giuseppe Sammut v Notaro Edoardo Pellegrini Petit*, Qorti tal-Appell, deċiża 16 ta' Jannar 1920, Vol XXIV p1 p276.
[12] Meta l-liġi tistabbilixxi terminu sabiex jiġi ppreżentat att, dak it-terminu huwa ta' dekadenza, fis-sens li meta t-terminu jkun skada, il-preżentazzjoni tat-tali att ma tkunx għadha ammissibbli. Id-dottrina tqis li l-kriterju distintiv huwa, li jekk il-provvediment jassenja terminu sabiex jiġi eżerċitat dritt, u ma jgħidx b'mod espress li dak it-terminu huwa wieħed ta' preskrizzjoni, jew li għandu l-karatteristiċi ta' preskrizzjoni, mela t-terminu huwa wieħed ta' dekadenza.
[13] 10/21/1 JZM, *Bank of Valletta Plc vs Alfred Zarb u Catherine Zarb,* Qorti tal-Appell, deċiża 28 ta' April 2021.

b'kollox għal 89 ġurnata. Mingħajr it-tali sospensjoni, it-terminu ta' sitt snin mill-ġurnata li mmatura l-ewwel *stock* kellu jiskadi fis-26 ta' Novembru 2022. Meta jiġu miżjuda t-tali 89 ġurnata ta' sospensjoni, it-terminu taħt l-artikolu 39(a) tal-Kap. 161 kellu jiskadi fit-23 ta' Frar 2023.

22. Ir-rikorrent ressaq it-talba tiegħu quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva preċiżament fit-23 ta' Frar 2023. B'hekk it-terminu skont l-artikolu 39(a) tal-Kap. 161 ma kienx għadu skada meta r-rikorrent ippreżenta r-rikors tiegħu, u t-talba tiegħu kienet għadha ammissibbli meta ressaqha.

**Parti deċiżiva**

23. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tiddikjara l-egħmil amministrattiv tad-Direttorat intimat tat-8 ta' Frar 2023, hekk kif ġie kkomunikat bl-email tas-16 ta' Frar 2023, li permezz tiegħu ċaħad it-talba tar-rikorrent biex jerġa' jinħareġ iċ-ċekk tal-ewwel stock għall-pagament ta' €5125, null, invalidu u mingħajr effett; u tordna lid-Direttorat intimat iħallas lir-rikorrent il-pagament ta' €5125 rappreżentanti l-pagament dovut għall-ewwel stock.

L-ispejjeż għandhom jitħallsu mid-Direttorat intimat.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur